# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 t'April tas-sena 2001.**

**Numru 15**

**Avviz numru 758/00/SM**

**Awtorita' tad-Djar**

**vs**

**Aaron Schembri u Rosalie Camilleri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz datat 8 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-Awtorita' tad-Djar sejhet lill-konvenuti quddiem din il-Qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:**

1. **Jhallsu l-ammont ta' hames mija u tnejn u hamsin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (LM552.82,0) ammont dovut minnhom wara li okkupaw il-plot numru 12, Taz-Zokrija, Mosta ghall-perjodu ta' zmien;**

2. **Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 12 t'April 2000 u bl-interessi;**

**3. Il-konvenuti ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonjiet tal-konvenut Aaron Scicluna datata 30 ta' Jannar tas-sena 2001 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi jiddikjara illi hu jammetti li ghandu jhallas nofs l-ammont mitlub f'din il-kawza, izda mhux responsabbli ghan-nofs l-iehor li huwa dovut u ghandu jithallas mill-konvenuta. L-esponent digia wera l-hsieb mal-Avukat tal-attur li lest ihallas nofs is-somma mitluba b'ittra tal-4 ta' Jannar, 2001 u kwindi m'ghandu jbati ebda parti mill-ispejjez tal-kawza;**

**Rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-awtorita' attrici sabiex il-konvenuta Rosalie Camilleri twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma deheritx, la fl-24 t'April tas-sena 2001 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Rat il-verbal tal-Awtorita' tad-Djar datat l-24 ta' April tas-sena 2001;**

**Ghaldaqstant tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-Awtorita' tad-Djar u:**

**1. Tikkundanna lill-konvenut Aaron Scicluna jhallas nofs l-ammont mitlub fl-avviz u cioe' mitjen u sitta u sebghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu, (LM276.41,0) stante l-ammissjoni tieghu;**

**2. Tikkundanna lill-konvenuta Rosalie Camilleri thallas nofs l-ammont mitlub fl-avviz u cioe' mitejn u sitta u sebghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu, (LM276.41,0) stante s-subizzjoni taghha;**

**3. Illi l-ispejjez tal-kawza jithallsu ugwalment bejn il-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**